# L-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca

## 1928 - 2016

**Nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 tħabbret il-mewt tal-Arċisqof Emeritu ta' Malta, Monsinjur Ġużeppi Mercieca, fl-età ta' 87 sena. Hu serva lill-Knisja Kattolika bħala Isqof għal 41 sena u sitt xhur. Għal 30 sena kien l-Arċisqof ta' Malta. MARIO MICALLEF jitratta l-ħajja u l-ħidma ta' Monsinjur Mercieca u r-rabta tiegħu mal-parroċċa ta' Ħad-Dingli. Il-Bord Editorjali stieden ukoll lil MONS. PAUL C. VELLA jikteb ftit mill-memorji tiegħu bħala segretarju personali tal-Arċisqof Mercieca.**

Imwieled ir-Rabat Għawdex nhar il-11 ta' Novembru 1928, Monsinjur Ġużeppi Mercieca ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Marzu, 1952. Hu ġie kkonsagrat Isqof nhar id-29 ta' Settembru 1974 fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt. Ġie nominat Arċisqof ta' Malta nhar id-29 ta' Novembru 1976 wara r-riżenja tal-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi u ħa l-pussess ta' Arċisqof fit-12 ta' Diċembru tal-istess sena.



*Dun Ġużeppi Mercieca, saċerdot żagħżugħ*

Għażel bħala motto tal-episkopat tiegħu "Ilkoll Aħwa fi Kristu". Fl-ewwel snin tal-episkopat ħabbat wiċċu ma' intoppi fir-relazzjoni bejn il-Knisja u l-Istat li laħqu l-qofol tagħhom fl-1984 bil-kwistjoni dwar l-iskejjel. Negozjati dwar ftehim dejjiemi fuq l-iskejjel u l-propjetajiet tal-knisja, fost l-oħrajn, komplew fi żmien żewġ amministrazzjonijiet sakemm fl-1991 ġie konkluż ftehim aħħari. Fost l-akbar proġetti pastorali li daħal għalihom, l-Arċisqof Mercieca sejjaħ, ippresieda u ppubblika d-dokumenti ta' Sinodu Djoċesan (1999-2003). Dan kien l-ewwel Sinodu Djoċesan fl-Arċidjoċesi ta' Malta wara l-Konċilju Vatikan II u l-ewwel wieħed fi tliet mitt sena. Kien qrib dejjem tas-saċerdoti, ordna b'kollox 326 saċerdot, u viċin il-morda fl-isptarijiet u dawk li għaddejjin minn mumenti diffiċli. Bniedem umli u twajjeb iżda sod fil-prinċipji u difensur tat-tagħlim tal-knisja. Wettaq riforma fl-amministrazzjoni tal-Kurja u għaraf il-ħtieġa ta' użu aħjar mill-knisja tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali fosthom bil-ftuħ ta' Radju RTK. Laqa' f'Malta f'żewġ żjarat lill-Papa Ġwanni Pawlu II (1990 u 2001).



*L-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca mal-Papa Ġwanni Pawlu II*

Irtira minn Arċisqof fit-2 ta' Diċembru 2006, fl-età ta' 78 sena, wara n-nomina tal-Arċisqof il-ġdid, Mons. Pawlu Cremona O.P. Miet fl-għodwa tat-Tnejn, 21 ta' Marzu 2016, u fl-aħħar sigħat ta' ħajtu kien imdawwar mill-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna, l-Isqof

ta' Għawdex Mons. Mario Grech u l-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona O.P. Fl-omelija tal-funeral tiegħu, nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2016, l-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna ddeskriva lil Mons. Mercieca bħala "ragħaj għal kull staġun, bniedem ta' kuraġġ, difensur tal-libertà u ġawhra tal-gżira ta' Għawdex."

L-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca kellu relazzjoni tajba ħafna mal-parroċċa tagħna, kważi kważi parroċċa ġara tiegħu billi kien jgħix l-Imdina. Tul l-episkopat tiegħu żar Ħad-Dingli diversi drabi għal okkażjonijiet differenti fosthom għall-festa ta' Santa Marija jew biex jamministra s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Mument partikulari kienet iż-Żjara Pastorali li hu għamel f'Ħad-Dingli bejn l-20 ta' Ottubru u s-7 ta' Novembru 1992 li permezz tagħha sar jaf aktar mill-qrib lil Ħad-Dingli u r-residenti tiegħu, il-ħidma li titwettaq mill-parroċċa u l-ħtiġijiet li l-istess parroċċa għandha kemm fl-operat ta' kuljum kif ukoll biex tilqa' għall-isfidi tal-ġejjieni.

Tul l-espikopat tiegħu nnomina 8 kappillani għall-parroċċa tagħna: Dun Ġużepp Pace (1978), Dun Vinċenz Cachia (1981), Dun Richard Borg (1985), Dun Trevor Fairclough (1994), Dun Reuben Deguara (2002) u Dun Norman Zammit (2006). Awtorizza wkoll proġetti kbar bħall-bini ta' ċentru parrokkjali ġdid u t-tkabbir taċ-ċimiterju tal-parroċċa. Amministra l-Griżma tal-Isqof f'Ħad-Dingli seba' darbiet lil total ta' 259 tifel u tifla.

Fl-aħħar snin, bħala Arċisqof Emeritu kien mistieden imexxi okkażjonijiet speċjali fil-ħajja tal-parroċċa tagħna. Nhar it-Tnejn, 16 ta' Awwissu 2010, mexxa quddiesa fuq iz-zuntier tal-knisja u fi tmiem inawgura l-proġett ta' restawr u manutenzjoni tal-koppla, il-kampnari u l-koppletti u t-tlestija tal-iskultura fil-faċċata tal-knisja. Fl-2011, is-sena li fiha l-parroċċa ta' Ħad-Dingli fakkret il-150 anniversarju tal-istatwa titulari ta' Santa Marija, Mons. Mercieca ppresjieda f'żewġ mumenti partikulari. Lejlet il-festa titulari, nhar is-Sibt 20 ta' Awwissu 2011, hu mexxa t-translazzjoni solenni tar-relikwa tal-Madonna mill-M.U.S.E.U.M. tas-subien sal-knisja, il-kant tal-ewwel għasar u l-quddiesa solenni ta' lejlet il-festa. Nhar il-5 ta' Diċembru 2011, ġiet organizzata Akkademja Mużiko-Letterarja fil-knisja parrokkjali taħt il-patroċinju ta' Mons. Mercieca li mmarkat il-programm ta' attivitajiet li fakkru l-150 anniversarju tal-istatwa titulari. Is-sena ta' wara, Mons. Mercieca fakkar is-60 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Nhar il-Ħamis 16 ta' Awwissu 2012 hu mexxa l-quddiesa tat-tieni jum tat-tridu li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali l-Kunsill Lokali, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-membri u d-diriġenti tal-għaqdiet, gruppi u każini.



*Fl-inawgurazzjoni tal-proġett tar-restawr tal-koppla, il-kampnari, il-koppletti u l-faċċata tal-knisja ta' Ħad-Dingli*

**L-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca kif nafu jien – Mons Paul C. Vella**

Monsinjur Ġużeppi Mercieca għażilni biex inkun is-segretarju tiegħu tlett ijiem qabel ma huwa stess, bit-tqiegħed tal-idejn, ordnani saċerdot fit-8 ta' Lulju 1988. Tajt bidu għal seba' snin mimlija esperjenzi interessanti ħafna, dejjem qrib, maġenb l-Arċisqof. Kienu seba' snin sbieħ, għalkemm mhux mingħajr diffikultajiet. Imma l-ħajja hekk hi! Ftit wara li bdejt nieħu ħsieb l-uffiċċju u dak kollu li jġib miegħu, Mons. Arċisqof talabni nkun iċ-Ċerimonjier tal-Kapitlu Metropolitan, u ftit wara ankè Ċerimonjier Djoċesan, filwaqt li tani f'idejja wkoll l-Uffiċċju ta' Delegat tiegħu għal-Liturġija.



*Mons. Paul C. Vella*

Dak iż-żmien kienu għaddejjin ħafna laqgħat biex jintlaħaq il-ftehim dwar iż-żwieġ, bejn il-Knisja u l-Istat, kellna l-ewwel żjara tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta, kif ukoll konna morna nżuru l-emigranti u l-familji tagħhom fl-Istati Uniti u l-Kanada.

Minħabba l-ħafna ġej u sejjer tan-nies fl-uffiċċju, l-Arċisqof ftit kien ikollu ċans jitħaddet miegħi biex immexxu fix-xogħol importanti tal-ittri li jirċievi u dawk li jrid jibgħat, appuntamenti u ħafna ħwejjeġ oħra. Allura, konna nsibu l-kenn fil-karozza tiegħu jew tiegħi, jiddependi skont il-ħtieġa, aħna u telgħin lejn l-Imdina jew neżlin lejn il-Kurja, sejrin lejn l-isptar jew xi appuntamenti oħra – uffiċjali jew m'humiex. Nitħadtu dwar dak u dan, dak li qiegħed jiġri madwarna, dak li naħsbu li ser iseħħ, u l-istrateġiji u l-prekawzjonijiet li wieħed irid jieħu.



*Mons. Paul C. Vella (fin-nofs bilwieqfa) bħala Ċerimonjier Djoċesan waqt l-ordinazzjoni saċerdotali ta' Dun Martin Micallef, illum Direttur tad-Dar tal-Providenza*

Fuq nett tal-lista ta' dak li huwa importanti f'ħajtu, Mons. Mercieca dejjem kellu s-saċerdoti. Kien jogħxa jitħaddet fuq is-saċerdoti ankè meta xi wħud minnhom kienu jinkwetawh! Kemm minħabba l-imġieba tagħhom, kemm minħabba dak li jgħallmu, kemm minħabba n-nuqqasijiet materjali u finanzjarji li wħud kellhom. Kien tassew jippreokkupa ruħu fuq is-saċerdot u fuq il-Knisja b'mod ġenerali. Mercieca, għax hekk konna nsibuh, kien iħobb ħafna lill-Knisja. Qatt ma ħabbel rasu dwaru nnifsu, qatt ma kellu f'rasu karriera fil-Knisja Universali – anzi kellu okkażjonijiet biex jirkeb il-karru tal-karrieriżmu klerikali u ċaħadhom. Quddiem għajnejh kellu dejjem il-Knisja, il-poplu t'Alla mmexxi mis-saċerdoti. Mercieca kien ipoġġi l-ħwejjeġ f'posthom, jagħtihom il-ġieh li jixirqilhom. Ma kien jgħid xejn meta xi ħadd minn dawk ta' madwaru jipprova jżellaq xi idea *modernista,* imma jagħmel dak li jkun hemm meħtieġ, marbut b'rabta qawwija ma' Alla u mat-tradizzjoni u t-tagħlim ta' Ommna l-Knisja Mqaddsa.

Il-prudenza tiegħu kienet teċċella, kien jimxi dejjem fuq il-proverbju latin *prudentia est auriga*

*virtutum!* Il-prudenza hija r-riedni tal-virtù. Kien iħobb f'xi ċirkostanzi partikulari jżellaqli: *si non caste saltem caute!* Almenu jekk wieħed ma jkunx onest, almenu prudenti!

Kif nidħlu f'xi knisja, fis-sagristija, l-ewwel ma jkun irid jagħmel hu li jsellem lis-saċerdoti kollha preżenti. U jekk xi wieħed mis-saċerdoti tal-parroċċa ma jkunx hemm, kien jistaqsi lill-kappillan dwaru. Imbagħad isellem lil dawk li jkun hemm madwar. Wara l-funzjoni, isellem lil kull saċerdot, li kien jafhom ilkoll b'isimhom, u x'jagħmlu, u fejn jgħixu – ankè jekk forsi xi kultant kien jagħti impressjoni li ma kienx daqshekk infurmat!

Matul is-seba' snin li domt miegħu, kważi kważi norqod fil-Palazz l-Imdina kien jonqosni! Għabbieni b'diversi responsabilitajiet, u jien, fuq l-eżempju tiegħu, qatt ma' għidtlu le għax kont naf li kien qiegħed jafda fuqi. Meta qalli biex immur Ruma nistudja, kien qalli li ser jagħmel dan għax jirrispettani u jħobbni. Dan nibqa' nafulu.



*L-Arċisqof Emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca waqt il-quddiesa li fakkret is-60 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu*

Mons. Ġużeppi Mercieca, mhux biss ordnani saċerdot imma għamilni saċerdot. Għallimni nħobb lill-Knisja u b'mod partikulari l-Knisja f'Malta. Għallimni nħobb lis-saċerdoti, għax huwa s-saċerdot li jwassal lin-nies għand Alla.

Mons. Mercieca kien wieħed mill-Isqfijiet li mexxa b'għaqal u dehen mogħti minn Alla lill-Knisja Maltija. Diffiċli ssib ieħor bħalu! Jalla!

Kien bniedem li ddedika kull sekonda ta' ħajtu għar-responsabiltà tiegħu bħala ragħaj tal-gżira. Jien żgur, li issa ma' San Pawl qiegħed jgħid: *tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Ma baqgħali xejn ħlief li nikseb il-kuruna tal-glorja mħejjija għal dawk li jaħdmu għal Kristu*. Ammen.

# Fl-Okkażjoni tal-Festa...

- L-Arċipriet, flimkien mal-Kleru, il-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kumitat Festa Esterna jawguraw lil kulħadd IL-FESTA T-TAJBA.
- Inżommu f'moħħna l-iskop ewlieni tal-festa; jiġifieri li nagħtu qima lill-Madonna, nersqu aktar qrib lejn binha Ġesù u fuq kollox inġeddu r-rieda tagħna li nkunu nsara aħjar. Il-festa tkun suċċess jekk tgħinna nagħmlu dan.
- Inkunu veru għaqlin jekk nersqu spiss lejn il-knisja, nieħdu sehem fit-tifħir lil Alla u lill-Madonna, inqerru u nitqarbnu. Fl-aħħar ġimgħa tal-festa jkollna konfessuri barranin għall-qrar f'diversi ħinijiet, skont kif indikat f'dan il-programm.
- Il-kant, l-orkestra u l-mużika fit-tridu, lejlet u nhar il-festa jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro James Chappell bis-sehem tal-Kor Parrokkjali *Regina Coeli*. Titkanta l-Antifona Hodie Maria, kompożizzjoni ta' Mro Chappell u propjetà tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli.